# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-30 ta’ Marzu 2017[1]

**Kawża C-560/15**

**Europa Way Srl u**
**Persidera SpA**
**vs**
**Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni *et***

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato [Kunsill tal-Istat, l-Italja])

“Talba għal deċiżjoni preliminari – Netwerks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/77/KE – Tranżizzjoni minn televiżjoni analoga għal televiżjoni diġitali – Attribuzzjoni ta’ frekwenzi diġitali lill-operaturi tan-netwerk – Frekwenzi diġitali ġodda (‘dividend diġitali’) – Annullament ta’ proċedura ta’ attribuzzjoni pendenti u sostituzzjoni bi proċedura ta’ selezzjoni ġdida oneruża bl-irkant – Obbligu ta’ organizzazzjoni ta’ konsultazzjoni pubblika minn qabel – Awtorità regolatorja nazzjonali indipendenti – Intervent mil-leġiżlatur nazzjonali fi proċedura pendenti quddiem l-awtorità regolatorja”

## I. Introduzzjoni

1. It-tranżizzjoni minn televiżjoni analoga għal televiżjoni diġitali kienet qabża teknoloġika kbira, li fil-biċċa l-kbira tad-djar privati Ewropej ġiet implementata mingħajr wisq diffikultajiet. Min-naħa l-oħra, għal operaturi tan-netwerk f’ċerti postijiet, id-dimensjoni legali ta’ din il-konverżjoni ma kinitx daqshekk faċli. Mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, is-sitwazzjoni fl-Italja speċjalment wasslet għal ilmenti kontinwi, fir-rigward tal-pluraliżmu tal-midja u l-kompetizzjoni fis-suq tat-televiżjoni, liema ilmenti diġà wasslu għal proċedura għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu kontra r-Repubblika Taljana[2] u għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f’kawża ta’ rinviju preliminari[3].

2. Dan il-każ ma jikkonċernax l-attribuzzjoni tal-frekwenzi *kollha* li kellhom jitqassmu waqt it-tranżizzjoni minn televiżjoni analoga għal televiżjoni diġitali, iżda biss l-attribuzzjoni ta’ frekwenzi ġodda disponibbli minħabba l-progress fit-teknoloġija u li ma kinux irriżervati minn qabel għall-operaturi tan-netwerk li kienu diġà attivi fis-suq. Żewġ operaturi tan-netwerk Taljani, Europa

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Proċedura għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu Nru 2005/5086 (ara, f’dan ir-rigward, l-istqarriji għall-istampa tal-Kummissjoni IP/06/1019 tad-19 ta’ Lulju 2006 u IP/07/1114 tat-18 ta’ Lulju 2007); din il-proċedura, li fiha f’Lulju tal-2007 il-Kummissjoni ppreżentat opinjoni motivata fis-sens tal-Artikolu 258(1) TFUE (preċedentement l-Artikolu 226(1) KE), għadha ma ġietx konkluża sal-lum.

3 Sentenza tal-31 ta’ Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59).

Way u Persidera[4], ħadu passi legali fid-dawl tal-fatt li l-proċedura nazzjonali għad-distribuzzjoni ta' dan id-"dividend diġitali"[5] kienet l-ewwel ġiet sospiża fuq ordni tal-ministeru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku[6], sussegwentement annullata mil-leġiżlatur Taljan u fl-aħħar nett implementata mill-ġdid taħt kundizzjonijiet fundamentalment differenti.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa qiegħda tintalab tikkjarifika jekk, u sa fejn, dawn il-miżuri jikkostitwixxux indħil fil-kompetenzi u fl-indipendenza tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Italja, l-Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni[7] (iktar 'il quddiem l-"AGCOM"). Barra minn hekk, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar jekk il-proċedura ta' attribuzzjoni ġdida oneruża kinitx konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni u jekk, peress li l-ewwel proċedura ma ġietx konkluża, l-impriżi kkonċernati kellhomx aspettattivi leġittimi għal eżitu proċedurali partikolari, li sfaxxaw fix-xejn minħabba l-intervent tal-ministeru u tal-leġiżlatur.

4. Ir-regoli determinanti għall-evalwazzjoni ta' din is-sitwazzjoni huma l-"qafas leġiżlattiv ġdid komuni", applikabbli b'effett mill-2002, li jikkonsisti f'diversi direttivi adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

5. Din il-proċedura fil-kawża C-560/15 hija marbuta mill-qrib mat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża C-112/16, li fir-rigward tagħha ser nippreżenta wkoll il-konklużjonijiet tiegħi llum. Minkejja li l-kwistjonijiet legali mqajma f'dik il-kawża jirreferu essenzjalment għall-istess regoli u prinċipji tal-Unjoni, dawn ma jikkonċernawx id-dividend diġitali u evidentement iqajmu punti legali oħra sostanzjalment differenti.

## II. Il-kuntest ġuridiku

6. Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni għal din il-kawża huwa stabbilit permezz ta' tliet direttivi tas-sena 2002 dwar netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li kollha jappartjenu għall-qafas regolatorju komuni ġdid għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi kif ukoll faċilitajiet u servizzi assoċjati: id-Direttiva Kwadru (Direttiva 2002/21/KE)[8], id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni (Direttiva 2002/20/KE)[9] u d-Direttiva tal-Kompetizzjoni (Direttiva 2002/77/KE)[10]. L-ewwel żewġ direttivi japplikaw kif emendati bid-Direttiva 2009/140/KE.

4 Persidera hija s-suċċessur fid-dritt ta' Telecom Italia Media Broadcasting (TIMB). Qabel ma saret it-tranżizzjoni definittiva għat-televiżjoni diġitali, fl-Italja TIMB kienet tiġġestixxi żewġ stazzjonijiet tat-televiżjoni analogi ("La 7" u "MTV") u tnejn diġitali ("TIMB1" u "MBONE").

5 Fir-rigward tal-kunċett tad-dividend diġitali, ara l-premessa 26 tad-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU 2009, L 337, p. 37); ara, barra minn hekk, il-punt 1 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Novembru 2007, "Naħsdu l-benefiċċji kollha tad-dividend diġitali Ewropew: Approċċ komuni għall-użu tal-ispettru rilaxxat mill-bidla diġitali", KUMM(2007) 700 finali.

6 Ministero dello sviluppo economico (MiSE).

7 Aġenzija regolatorja tal-komunikazzjoni.

8 Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349).

9 Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337).

10 Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE, tas-16 ta' Settembru 2002, dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva tal-Kompetizzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 178).

**A. Id-Direttiva Kwadru (Direttiva 2002/21)**

7. Jeħtieġ l-ewwel nett issir referenza għall-premessi 6 u 21 tad-Direttiva 2002/21, li jipprovdu s-segwenti:

"(6) Il-politika awdjoviżwali u r-regolament tal-kontenut huma mwettqa lejn il-ksib ta' miri ta' interess ġenerali, bħal-libertà ta' l-espressjoni, il-pluraliżmu tal-midja, l-imparzjalità, id-diversità kulturali u lingwistika, l-inklużjoni soċjali, l-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni tal-minuri. […]

[…]

(21) L-Istati Membri jistgħu jużaw, fost ħwejjeġ oħra, proċeduri ta' għażla kompetittivi jew komparattivi għall-assenjament ta' frekwenzi tar-radju kif ukoll tan-numri b'valur ekonomiku eċċezzjonali. […]"

8. Barra minn hekk, għandha ssir referenza għall-premessa 13 tad-Direttiva 2009/140 li, fost l-oħrajn, emendat id-Direttiva 2002/21. Din il- premessa tipprovdi:

"(13) L-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandha tissaħħaħ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni iktar effettiva tal-qafas regolatorju u biex tiżdied l-awtorità tagħhom u l-prevedibbiltà fid-deċiżjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, għandha ssir dispożizzjoni espressa fil-liġi nazzjonali biex jiġi żgurat li, fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali responsabbli għar-regolament tas-suq ex ante jew għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet bejn impriżi tkun protetta mill-interventi esterni jew pressjoni politika li jistgħu jipperġudikaw l-evalwazzjoni indipendenti tagħha ta' materji li jiġu quddiemha. Din l-influwenza esterna tirrendi l-entità leġiżlattiva nazzjonali mhux adatta biex taġixxi bħala awtorità regolatorja nazzjonali taħt il-qafas regolatorju. […]"

9. Konformement mad-definizzjoni fl-Artikolu 2(g) tad-Direttiva 2002/21, għall-finijiet tad-Direttiva:

"'awtorità nazzjonali regolatorja' tfisser il-korp jew kopri fdati minn Stat Membru b'xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f'din id-Direttiva jew fid-Direttivi Speċifiċi".

10. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/21, intitolat "Awtoritajiet nazzjonali regolatorji", jipprevedi, *inter alia*, dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull wieħed mix-xogħlijiet assenjati lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f'din id-Direttiva u fid-Direttiva Speċifiċi jitwettaq minn korp kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji […]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, trasparenti u tempestiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jkollhom ir-riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lilhom.

3a. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5, awtoritajiet regolatorji nazzjonali responsabbli għal regolazzjoni tas-suq ex-ante jew għar-riżoluzzjoni ta' disputi bejn impriżi skont l-Artikolu 20 jew 21 ta' din id-Direttiva għandhom jaġixxu indipendentement u m'għandhom jitolbu jew jieħdu struzzjonijiet minn ebda korp fir-rigward tal-eżerċitar ta' dawn il-kompiti assenjati lilhom taħt il-liġi nazzjonali li timplimenta l-liġi Komunitarja. Dan ma għandux ifixkel is-superviżjoni skont il-liġi kostituzzjonali nazzjonali. Korpi ta' appell biss stabbiliti skont l-Artikolu 4 għandu jkollhom is-setgħa jissospendu jew idawru deċiżjonijiet mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

[…]”

11. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21 jistabbilixxi dan li ġej taħt it-titolu “Mekkaniżmu għall-konsultazzjoni u għat-trasparenza”:

“Għajr f’każijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli 7(9), 20, jew 21, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkollhom l-intenzjoni li jieħdu miżuri skont din id-Direttiva jew id-Direttivi Speċifiċi, jew fejn jkollhom l-intenzjoni jipprovdu għal restrizzjonijiet skont l-Artikolu 9(3) u 9(4), li għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq rilevanti, huma jagħtu lill-partijiet ikkonċernati l-opportunità li jikkummentaw fuq l-abbozz ta’ miżura fi żmien raġonevoli.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jippubblikaw il-proċeduri ta’ konsultazzjoni nazzjonali tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistabbilixxu punt uniku ta’ informazzjoni li permezz tiegħu l-konsultazzjonijiet kollha għaddejjin jkunu aċċessibbli.

L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tagħmel ir-riżultati tal-proċedura ta’ konsultazzjoni disponibbli għall-pubbliku, ħlief fil-każ tal-informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi tal-Komunità u nazzjonali dwar il-kunfidenzjalita’ tan-negozju.”

12. Sussegwentement, taħt it-titolu “Miri politiċi u prinċipji regolatorji”, l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2002/21 jipprevedi, *inter alia*, is-segwenti:

“1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji speċifikati f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma mmirati lejn il-ksib tal-miri stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma’ dawk il-miri.

[…]

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provista tan-*networks* ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati u servizzi billi fost ħwejjeġ oħra:

[…]

(b) jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda distorsjoni jew restrizzjoni fil-kompetizzjoni tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika, anke fit-trażmissjoni tal-kontenut

[…]

(d) jinkoraġġixxu l-użu effiċjenti u jassiguraw l-amministrazzjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju u r-riżorsi tan-numerazzjoni.”

13. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21 jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin dwar "[i]l-ġestjoni ta' frekwenzi tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika":

"1. B'kont debitu meħud tal-fatt li l-frekwenzi tar-radju huma beni pubbliċi li għandhom valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġestjoni effettiva ta' frekwenzi tar-radju għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 8 u 8a. Huma għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni tal-[...] [ispettru] użat għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali jew drittijiet individwali ta' użu ta' tali frekwenzi tar-radju minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati.

Bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jkunu qegħdin jirrispettaw il-ftehimiet internazzjonali relevanti, inklużi r-Regolamenti tal-ITU tar-Radju, u jkunu jistgħu jqisu l-prospettivi tal-politika pubblika.

[...]

3. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' teknoloġija użati għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jkunu jistgħu jintużaw fil-meded ta' frekwenzi tar-radju dikjarati disponibbli għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fil-Pjan ta' Allokazzjoni ta' Frekwenzi Nazzjonali tagħhom skont il-liġi Komunitarja.Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' teknoloġija tan-network tar-radju jew tal-aċċess bla wajer użati għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, fejn dan ikun iġġustifikat biex:

(a) tiġi evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara;

[...]

(e) ikun issalvagwardjat l-użu effiċjenti tal-ispettru, jew

(f) jiġi żgurat li jinkiseb għan ta' interess ġenerali taħt il-paragrafu 4.

4. Sakemm ma jipprovdux mod ieħor fit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tipi kollha ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jistgħu jkunu provduti fil-meded tal-frekwenzi tar-radju u dikjarati disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Pjan ta' Allokazzjoni ta' Frekwenzi Nazzjonali tagħhom skont il-liġi Komunitarja. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji fuq it-tipi ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika li se jkunu pprovduti, inklużi, fejn hu meħtieġ, biex jiġi ssodisfatt rekwiżit skont ir-Regolamenti tal-ITU dwar ir-Radju.

[...]"

## B. Id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni (Direttiva 2002/20)

14. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/20 jinkludi l-leġiżlazzjoni li ġejja dwar l-"[a]wtorizzazzjoni ġenerali ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi":

"L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-libertà ta' forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. [...]"

15. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/20 jinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar "[i]d-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju u tan-numri":

"1. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-użu ta' frekwenzi tar-radju taħt awtorizzazzjonijiet ġenerali. Fejn hu neċessarju, l-Istati Membri jistgħu jagħtu drittijiet individwali ta' użu sabiex:

– tkun evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara;

– tkun żgurata l-kwalità teknika tas-servizz;

– ikun issalvagwardjat l-użu effiċjenti tal-ispettru; jew

– jiġu issodisfati għanijiet oħrajn ta' interess ġenerali kif definiti mill-Istati Membri f'konformità mal-liġi Komunitarja.

2. Fejn huwa meħtieġ li jingħataw drittijiet individwali ta' użi ta' frekwenzi tar-radju u numri, l-Istati Membri għandhom jagħtu dawk id-drittijiet, meta mitluba, lil kull impriża għall-provvista ta' netwerks jew servizzi taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 3, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 7 u 11(1)(c) ta' din id-Direttiva u kull regola oħra li tiżgura l-użu effiċjenti ta' dawk ir-riżorsi skont id-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru).

Mingħajr preġudizzju għal kriterji u proċeduri speċifiċi adottati mill-Istati Membri għall-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju lil forrnituri ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni bil-għan li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali skont il-liġi Komunitarja, id-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u numri għandhom jingħataw permezz ta' proċeduri miftuħa, oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonali, u, fil-każ tal-frekwenzi tar-radju, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas). Tista' tapplika eċċezzjoni għall-ħtieġa ta' proċeduri miftuħa f'każijiet fejn l-għoti ta' drittijiet individwali ta' użu ta' frekwenzi tar-radju lill-fornuturi ta' servizzi ta' kontenut għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv ta' interess ġenerali kif definit mill-Istati Membri f'konformità mal-liġi Komunitarja.

[…]

4. […]

Fir-rigward ta' proċeduri ta' għażla kompetittivi jew komparattivi għall-frekwenzi tar-radju, l-Artikolu 7 għandu japplika.

5. L-Istati Membri ma għandhom jillimitaw l-għadd ta' drittijiet ta' użu li jingħataw, għajr fejn dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju skont l-Artikolu 7.

6. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-frekwenzi tar-radju jintużaw b'mod effiċjenti u effettiv […]"

16. Rigward il-"[p]roċedura biex jiġi limitat in-numru ta' drittijiet ta' użu li għandhom jingħataw għall-frekwenzi tar-radju", l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/20 jipprevedi s-segwenti:

"1. Fejn Stat Membru jkun qed jikkunsidra jillimitax in-numru tad-drittijiet għall-użu li jridu jingħataw għall-frekwenzi tar-radju, jew jekk iġeddidx il-validità ta' drittijiet eżistenti jekk mhux skont it-termini speċifikati f'dawk id-drittijiet, għandu inter alia:

[…]

(b) jagħti lill-partijiet kollha nteressati, nklużi utenti u konsumaturi, l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kull limitazzjoni skond Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru);

[…]

3. Fejn l-għoti ta' drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju jeħtieġ li ma jkunx limitat, l-Istati Membri għandhom jagħtu dawn id-drittijiet fuq il-bażi tal-kriterji tal-għażla li jridu jkunu oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji. Kull wieħed minn dawn il-kriterji tal-għażla jrid jagħti l-importanza li tistħoqq lill-kisba tal-għanijiet li jidhru fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas) u tar-rekwiżiti li jidhru fl-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva.

4. Fejn proċeduri ta' għażla kompetittivi jew komparattivi għandhom jintużaw, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu massimu ta' sitt ġimgħat imsemmi f'Artikolu 5(3) sakemm ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li dawk il-proċeduri jkunu ġusti, raġonevoli, miftuħa u trasparenti għall-partijiet kollha nteressati, iżda b'mhux aktar minn tmien xhur.

[…]"

## C. Id-Direttiva tal-Kompetizzjoni (Direttiva 2002/77/KE)

17. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/77 intitolat "Drittijiet esklussivi u speċjali għan-*networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi" jinkludi, *inter alia*, id-dispożizzjonijiet segwenti:

"[…]

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li kull impriża hija intitolata biex tipprovdi s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jew li tistabbilixxi, testendi jew tipprovdi n-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtorizzazzjoni ġenerali mogħtija lil impriża biex tipprovdi s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u biex tistabbilixxi u/jew tipprovdi networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll il-kondizzjonijiet mehmuża magħha, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji, proporzjonali u trasparenti.

[…]"

18. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/77 jinkludi d-dispożizzjonijiet segwenti dwar id-"[d]rittijiet ta' l-użu tal-frekwenzi":

"Mingħajr preġudizzju għal kriterji u proċeduri speċifiċi adottati mill-Istati Membri biex jagħtu drittijiet ta' l-użu tal-frekwenzi tar-radju lil min jipprovdi s-servizzi tal-kontenut tax-xandir tar-radju jew tat-televiżjoni bil-ħsieb li jfittxu għanijiet ta' interess ġenerali konformi mal-liġi tal-Komunità:

[…]

2. L-assenjament tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonali."

## III. Il-fatti u l-kawża prinċipali

19. It-tranżizzjoni minn televiżjoni analoga għal televiżjoni diġitali fl-Italja kienet teħtieġ l-impementazzjoni ta' proċedura għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tax-xandir diġitali ġodda, li huma iktar effiċjenti minn frekwenzi tax-xandir analogi[11]. Għal din ir-raġuni, fis-7 ta' April 2009, l-AGCOM adottat id-Deċiżjoni 181/09/CONS[12], li permezz tagħha stabbilixxiet kriterji għad-diġitalizzazzjoni integrali tan-netwerks terrestri u, fl-istess waqt, stabbilixxiet mekkaniżmu għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi attribwiti għal dan l-għan. Din id-deċiżjoni ttieħdet fil-kuntest ta' proċedura pendenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[13], fejn il-Kummissjoni Ewropea wissiet lill-Italja li, fl-attribuzzjoni tal-frekwenzi diġitali tagħha, hija ma tistax tiffavorixxi lill-fornituri tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni analoga li huma diġà attivi fis-suq.

20. Sussegwentement, din id-deċiżjoni pprevediet l-attribuzzjoni ta' frekwenzi diġitali fil-forma ta' 21 "multiplex" għat-trażmissjoni terrestri nazzjonali[14]. Multiplex jippermetti l-iggruppar ta' sinjali awdjo, vidjo u data varji fi fluss ta' data komuni, li permezz tiegħu jitjieb l-użu tal-frekwenzi u tal-linji disponibbli.

21. Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta ta' dawn il-multiplexes diġitali, li jieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss l-operaturi eżistenti ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni analogi iżda wkoll dawk li diġà investew fil-ħolqien ta' netwerks diġitali kif ukoll, barra minn hekk, l-operaturi ġodda li jixtiequ jidħlu fis-suq, il-21 unità ġew diviżi fi tliet gruppi li kellhom jitqassmu skont kriterji ta' attribuzzjoni differenti. Barra minn hekk, ġie stabbilit il-limitu massimu fejn ebda operatur tan-netwerk waħdu ma seta' jkun fil-pussess ta' iktar minn ħames multiplexes b'kollox; tali ċifra massima ta' ħames multiplexes kienet ġibdet l-attenzjoni għaliha wkoll il-Kummissjoni fil-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

22. Speċifikament, l-allokazzjoni tal-21 multiplex inkwistjoni kellha ssir bil-mod segwenti:

– Fl-*ewwel grupp* inżammu tmien multiplexes għall-konverżjoni tan-netwerks tat-televiżjoni analoga eżistenti f'netwerks tat-televiżjoni diġitali. Dan kellu jseħħ abbażi ta' attribuzzjoni ġusta fejn tittieħed inkunsiderazzjoni l-kontinwità tal-offerta tat-televiżjoni. Għaldaqstant, kull fornitur preċedenti tat-televiżjoni analoga kellu jiġi attribwit mill-inqas multiplex wieħed. Fornituri b'diversi stazzjonijiet analogi kellhom ilkoll jingħataw multiplex inqas miċ-ċifra korrispondenti ta' stazzjonijiet analogi tagħhom. B'dan il-mod, Rai u Mediaset, li sa dak il-punt kienu jiġġestixxu tliet stazzjonijiet tat-televiżjoni analogi kull wieħed, ingħataw żewġ multiplexes kull wieħed, filwaqt li TIMB, li sa dak il-punt kellha żewġ stazzjonijiet tat-televiżjoni analogi fil-portafoll tagħha, min-naħa tagħha kisbet multiplex wieħed. Rete A u żewġ operaturi tan-netwerk oħra wkoll ingħataw multiplex wieħed.

– Fit-*tieni grupp* kellhom jitqassmu tmien multiplexes lil dawk l-operaturi tan-netwerk li kienu investew fil-ħolqien ta' netwerks diġitali. B'dan il-mod, Rai, Mediaset u TIMB ingħataw żewġ multiplexes addizzjonali kull wieħed, filwaqt liRete A u operatur tan-netwerk ieħor kisbu multiplex kull wieħed.

11 Wieħed mill-vantaġġi kbar tat-televiżjoni diġitali huwa li, kuntrarjament għat-televiżjoni analoga, jistgħu jiġu trażmessi diversi programmi bl-istess medda ta' frekwenza.

12 Din id-deċiżjoni saret liġi permezz tad-Digriet-Leġiżlattiv (Decreto-legge) Nru 59/2008, moqri flimkien mal-Liġi Nru 101/2008.

13 Ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

14 Xi wħud mill-partijiet li pparteċipaw fil-proċedura jsemmu total ta' 22 multiplex, fir-raba' domanda tagħha l-qorti tar-rinviju (ara, iktar 'il quddiem, il-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet) saħansitra tirreferi għal 25 jew 22 "stazzjon [netwerk]". Madankollu, għall-finijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti dawn id-diverġenzi ma humiex rilevanti. Fis-sottomissjonijiet tiegħi, ser nibqa' nsostni ċ-ċifra 21, mhux l-inqas minħabba raġunijiet ta' koerenza mal-fatti kif ġew ikkomunikati lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-112/16.

– Fit-*tielet grupp*, il-ħames multiplexes li kien għad fadal, magħrufa wkoll bħala "dividend diġitali"[15], kellhom fl-aħħar nett jitqassmu bħala frekwenzi ġodda addizzjonali abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji.

23. F'dan il-każ, il-kawża prinċipali tikkonċerna biss parti minn dawn il-multiplexes, speċifikament dawk tat-tielet grupp. Oriġinarjament, l-attribuzzjoni tagħhom kellha ssir gratwitament u lill-operaturi tas-suq l-iktar xierqa fi proċedura ta' selezzjoni, magħrufa bħala "beauty contest"[16]. Wara li ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika, ir-regoli għal din il-proċedura ta' selezzjoni ġew adottati b'mod konklużiv mill-AGCOM bid-Deċiżjoni 497/10/CONS tat-22 ta' Settembru 2010.

24. Il-proċedura ta' selezzjoni proprja tnediet finalment bl-avviż tat-8 ta' Lulju 2011 u kienet tipprevedi perijodu sas-7 ta' Settembru 2011 għas-sottomissjoni tal-kandidaturi. Europa Way issottomettiet applikazzjoni għal multiplex li fir-rigward tiegħu ebda impriża oħra ma kienet ippreżentat applikazzjoni. Min-naħa tiegħu, Persidera (preċedentement TIMB) applikat kemm waħedha kif ukoll f'kompetizzjoni ma' operaturi tas-suq oħra[17], għal total ta' tliet multiplexes.

25. Madankollu, anki qabel l-attribuzzjoni tal-kuntratti, il-ministeru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku ssospenda din il-proċedura ta' selezzjoni gratwita bid-Digriet tal-20 ta' Jannar 2012. Sussegwentement, ġie adottat id-Digriet-Leġiżlattiv (Decreto-legge) Nru 16/2012[18], li l-Artikolu 3d[19] tiegħu, minn naħa, annulla s-selezzjoni gratwita diġà sospiża, u min-naħa l-oħra, ippreveda attribuzzjoni ta' frekwenzi ġdida permezz ta' selezzjoni pubblika oneruża fi żmien 120 jum abbażi ta' proċedura li kellha tiġi organizzata mill-AGCOM. Barra minn hekk, kellhom jiġu kkumpensati l-parteċipanti tal-proċedura ta' selezzjoni gratwita li ma ġietx konkluża.

26. Sussegwentement, fil-11 ta' April 2013 – wara konsultazzjoni pubblika u wara li ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni Ewropea – AGCOM adottat id-Deċiżjoni 277/13/CONS bir-regoli għall-proċedura ta' selezzjoni ġdida. F'din id-deċiżjoni, *inter alia*, in-numru ta' multiplexes diġitali li kellhom jitqassmu ġie stabbilit għal tlieta, filwaqt li ġie stabbilit li l-operaturi tan-netwerk li diġà kienu detenturi ta' tliet multiplexes jew iktar kellhom jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fis-selezzjoni.

27. Il-proċedura l-ġdida finalment tnediet bl-avviż tat-12 ta' Frar 2014. Cairo Network[20] kien l-uniku operatur tas-suq li pparteċipa, u fil-31 ta' Lulju 2014 ingħata wieħed mill-multiplexes. La Europa Way u lanqas Persidera ma pparteċipaw fil-proċedura ta' selezzjoni ġdida. Kif jirriżulta mill-fajl, fil-każ ta' Persidera dan kien dovut għall-fatt li din l-impriża diġà kienet fil-pussess ta' iktar minn tliet multiplexes.

28. Europa Way u Persidera ppreżentaw rikors kontra l-annullament tal-ewwel proċedura ta' selezzjoni quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio[21] (TAR), madankollu ma kellhomx suċċess[22]. Il-kawża hija preżentement pendenti quddiem il-Consiglio di Stato[23], il-qorti tar-rinviju li quddiemha Europa Way u Persidera ressqu appell.

15 Fir-rigward tal-kunċett tad-dividend diġitali, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq.

16 *"Konkors tas-sbuħija"*.

17 Kif jirriżulta mill-fajl, Persidera ppreżentat applikazzjonijiet konġunti ma' Rai u Elettronica Industriale (Mediaset) għal żewġ lottijiet fil-kuntest tas-selezzjoni.

18 Dan id-digriet-leġiżlattiv sar definittivament liġi bil-Liġi Nru 44/2012.

19 Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 3d, b'mod partikolari, ġiet introdotta mill-Parlament Taljan stess, u dan proprju fil-kuntest tal-proċedura ta' konverżjoni ta' dan id-digriet-leġiżlattiv f'liġi.

20 Illum il-ġurnata Cairo Network topera l-istazzjon televiżiv "La 7" fl-Italja.

21 Qorti amministrattiva reġjonali ta' Lazio.

22 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Nri 9981/2014 u 9982/2014 tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio tal-25 ta' Settembru 2014.

23 Kunsill tal-istat.

## IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

29. B'deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2015, li waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Ottubru 2015, il-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, id-domandi għal deċiżjoni preliminari segwenti:

"1) Id-dispożizzjoni leġiżlattiva kkontestata u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti kisru r-regoli li skonthom il-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni tas-suq televiżiv jispettaw lil awtorità amministrattiva indipendenti [l-Artikoli 3 u 8 tad-Direttiva 2002/21/KE, (Direttiva Kwadru), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE]?

2) Id-dispożizzjoni leġiżlattiva kkontestata u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti kisru d-dispożizzjonijiet [l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/20/KE, (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru)] li jipprevedu l-organizzazzjoni minn qabel ta' konsultazzjoni pubblika mill-awtorità amministrattiva [regolatorja] nazzjonali indipendenti kompetenti għal dan is-settur?

3) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod iktar preċiż l-Artikolu 56 TFUE, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas), l-Artikoli 3, 5 u 7 tad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), u l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 2002/77/KE (Direttiva tal-Kompetizzjoni), kif ukoll il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza, ta' libertà tal-kompetizzjoni, ta' proporzjonalità, ta' effettività u ta' pluraliżmu tal-informazzjoni, jipprekludu l-annullament tal-konkors tas-sbuħija, li kien tniehed bħala rimedju għall-esklużjoni illegali ta' operaturi tas-suq fis-sistema ta' attribuzzjoni tal-frekwenzi diġitali televiżivi u sabiex jiġi permess l-aċċess tal-operaturi minuri, kif ukoll għas-sostituzzjoni tagħha minn proċedura ta' selezzjoni oħra, oneruża, li tobbliga lill-parteċipanti jissodisfaw kundizzjonijiet u jwettqu obbligi li l-operaturi preżenti fis-suq ma kinux obbligati jwettqu qabel, b'mod li t-tressiq ta' offerta kompetittiva jsir oneruż u ekonomikament żvantaġġuż?

4) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, u b'mod iktar preċiż l-Artikolu 56 TFUE, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE [...], l-Artikoli 3, 5, u 7 tad-Direttiva 2002/20/KE [...], l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 2002/77/KE [...], u l-Artikolu 258 TFUE kif ukoll il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza, ta' liberta tal-kompetizzjoni, ta' proporzjonalità, ta' effettività u ta' pluraliżmu tal-informazzjoni, jipprekludu l-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-pjan ta' attribuzzjoni tal-frekwenzi li tipprevedi t-tnaqqis minn 25 stazzjon [netwerk] għal 22 stazzjon [netwerk] nazzjonali (fejn l-operaturi preżenti fis-suq iżommu n-numru ta' multiplexes li huma għandhom), it-tnaqqis ta' lottijiet suġġett tal-proċedura ta' selezzjoni għal 3 mutliplexes u l-attribuzzjoni tal-frekwenzi fil-band VHF-III bir-riskju ta' interferenzi qawwija?

5) Il-protezzjoni tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, kif spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija kompatibbli mal-annullament tal-konkors tas-sbuħija li ma ppermettiex lill-appellanti, li kienu diġà ġew ammessi għall-proċedura ta' selezzjoni mingħajr ħlas, li jkunu ċerti li ser jingħataw xi lottijiet li kienu s-suġġett tal-proċedura ta' selezzjoni?

6) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-attribuzzjoni tad-drittijiet ta' użu tal-frekwenzi [l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), l-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), l-Artikoli 2 u 4 tad-Diretiva 2002/77/KE (Direttiva tal-Kompetizzjoni)] hija kompatibbli mal-adozzjoni ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 3 quinquies tad-Digriet-Leġiżlattiv Nru 16 tal-2012, li ma tissodisfax il-karatteristiċi tas-suq tar-radju u tat-televiżjoni?"

30. Europa Way, Persidera, RAI, Elettronica Industriale[24], Cairo Network, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn l-istess partijiet ġew irrappreżentati wkoll fis-seduta tat-2 ta' Frar 2017 li nżammet direttament qabel dik fil-kawża C-112/16.

## V. Analiżi

### A. Ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

31. Fir-rigward tal-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, ma hemmx bżonn ta' trattazzjoni fil-fond tal-kritika ta' Elettronica Industriale peress li l-qorti tar-rinviju ressqet direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi relatati mal-kompatibbiltà tal-liġi nazzjonali – partikolarment tal-Artikolu 3d tad-Digriet-Leġiżlattiv Nru 16/2012 – mad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi nnotat li, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti li tevalwa l-kompatibbiltà tar-regoli ta' dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni jew tinterpreta leġiżlazzjoni nazzjonali fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari, ma hemm xejn li jipprekludiha, fil-każ ta' domandi preliminari fformulati b'dan il-mod, milli tagħti lill-qorti tar-rinviju l-gwida rilevanti kollha għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li tippermettilha taqta' l-kawża prinċipali[25].

32. Fil-punti segwenti, ser nindirizza wħud mill-oġġezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-partijiet fil-kawża prinċipali. Dawn kollha jikkonċernaw l-informazzjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tipprovdi fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha.

33. Kif speċifikat fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja[26], minbarra d-domanda preliminari, it-talba għal deċiżjoni preliminari trid tinkludi wkoll l-informazzjoni meħtieġa dwar il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża prinċipali. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha turi r-rabta bejn ir-regoli tal-Unjoni li għandhom jiġu interpretati u l-kawża prinċipali, filwaqt li għandha tindika r-raġunijiet li għalihom għandha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Skont il-ġurisprudenza, l-informazzjoni dwar il-kuntest fattwali u ġuridiku tingħata importanza speċjali fi proċeduri relatati mad-dritt tal-kompetizzjoni[27].

#### *1. Assenza ta' rilevanza tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju*

34. L-ewwel nett, f'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda spjegazzjoni dwar kif id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 258 TFUE huma rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

24 Elettronica Industriale tappartjeni mal-grupp ta' impriżi Mediaset. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-impriża ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha rigward it-tieni, it-tielet u r-raba' domanda preliminari biss.

25 Ġurisprudenza stabbilita; ara, *inter alia*, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05 EU:C:2008:59, punti 49 sa 51).

26 Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-bżonn li jiġi osservat l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura eż. fid-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Security Service *et* (C-692/15 sa C-694/15, EU:C:2016:344, punt 18). Fil-ġurisprudenza stabbilita preċedenti diġà kienu fformulati rekwiżiti ta' ammissibbiltà għal talbiet għal deċiżjoni preliminari bl-istess kontenut; *vide*, *inter alia*, is-sentenzi tal-24 ta' April 2012, Kamberaj (C-571/10, EU:C:2012:233, punt 42), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Vervloet *et* (C-76/15, EU:C:2016:975, punti 56 u 57).

27 Fl-istess sens, id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2002, Viacom (C-190/02, EU:C:2002:569, punti 21 u 22), kif ukoll is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et* (C-320/90 sa C-322/90, EU:C:1993:26, punt 7), tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59, punt 58), tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa (C-284/12, EU:C:2013:755, punt 20), u tat-13 ta' Frar 2014, Airport Shuttle Express *et* (C-162/12 u C-163/12, EU:C:2014:74, punt 38).

35. Fir-rigward b'mod speċifiku tal-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi nnotat li l-aspetti tal-kawża prinċipali huma kollha llimitati għal Stat Membru wieħed u li, f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju – kuntrarjament għall-kawża Centro Europa 7 – ma tixtieqx tirrikorri għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni taċ-ċittadini inkluża fil-kostituzzjoni Taljana [28]. Għalhekk, ma huwiex ċar sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali permezz tal-interpretazzjoni mixtieqa minnha tal-Artikolu 56 TFUE.

36. Fir-rigward tal-Artikolu 258 TFUE, huwa suffiċjenti li jiġi nnotat li dan huwa dispożizzjoni purament proċedurali applikabbli għall-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, eżegwiti mill-Kummissjoni kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li minnha ma għandhom jiġu dedotti ebda regoli proċedurali jew sostantivi għall-attribuzzjoni tal-frekwenzi televiżivi permezz tal-qrati nazzjonali. Filwaqt li teoretikament l-obbligu tal-Istati Membri li jimplementaw is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 260(1) TFUE jista' jkun rilevanti, għadha madankollu ma ngħatat ebda sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu marbut mal-attribuzzjoni tal-frekwenzi televiżivi fl-Italja.

37. Sa fejn bir-referenza tagħha għall-Artikolu 258 TFUE, il-qorti tar-rinviju talludi għal obbligi li jistgħu jiġu imposti fuq ir-Repubblika Taljana għall-ħolqien ta' sitwazzjoni fis-suq televiżiv li hija konformi mad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tas-sentenza Centro Europa 7 [29] [30], il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tindirizza dawn suffiċjentement fil-qafas tal-argumentazzjoni tagħha dwar id-Direttivi 2002/20, 2002/21 u 2002/77. Ma hemmx ebda bżonn ta' interpretazzjoni separata tal-Artikoli 258 jew tal-Artikolu 260 TFUE għal dan l-għan.

38. Konsegwentement, it-tielet u r-raba' domanda preliminari għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli sa fejn jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 56 u 258 TFUE.

### *2. Nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti dwar id-domandi preliminari individwali*

39. Barra minn hekk, għandu jiġi diskuss ukoll jekk it-talba għal deċiżjoni preliminari għandhiex tiġi ddikjarata inammissibbli minħabba l-fatt li ma tinkludix biżżejjed informazzjoni dwar il-kuntest fattwali u ġuridiku kif ukoll dwar ir-rilevanza ta' wħud mid-domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju. Fil-fehma tal-Italja, hemm nuqqas ta' informazzjoni fil-każ tat-tielet, tar-raba' u tas-sitt domanda. Min-naħa tagħha, Elettronica Industriale tqis li t-tieni, it-tielet u r-raba' domanda ma humiex spjegati suffiċjentement.

40. Fil-fehma tiegħi, dawn l-ilmenti dwar l-inammissibbiltà jeżiġu approċċ irfinat.

41. Minn naħa, huwa ċar li fil-kawża prinċipali, il-Consiglio di Stato għandu jevalwa l-leġittimità tal-intervent min-naħa tal-leġiżlatur Taljan fi proċedura pendenti tal-AGCOM, dwar id-distribuzzjoni tad-dividend diġitali fis-suq televiżiv. Din il-problema hija rrappreżentata b'mod komprensibbli fid-deċiżjoni tar-rinviju; f'dan ir-rigward, partikolarment tingħata stampa sostanzjalment preċiża tal-kuntest fattwali u ġuridiku, u r-rilevanza tad-domandi preliminari relatati (l-ewwel sat-tielet domanda) ma hijiex ikkontestata. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hawnhekk tista' tipprovdi l-informazzjoni kollha rilevanti lill-qorti tar-rinviju li tippermettilha taqta' l-kawża prinċipali mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni.

28 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59, punti 64 sa 71, partikolarment il-punt 69).

29 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59).

30 Proċedura pendenti tal-Kummissjoni għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, f'dan ir-rigward, in-nota ta' qiegħ il-paġna 2 iktar 'il fuq) ma tiġġustifikax obbligu ġuridiku tal-Istat Membru li jadotta miżuri nazzjonali, sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu b'sentenza jew tkun stabbilixxiet miżuri provviżorji b'deċiżjoni.

42. Min-naħa l-oħra, fid-domandi preliminari, hemm referenza għal ċirkustanzi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tesprimi ruħha dwarhom b'mod validu, lanqas fil-każ ta' qari benevolenti, peress li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi l-ebda ħjiel ta' spjegazzjoni f'dan ir-rigward. L-ewwel nett, dan huwa l-każ tar-riferiment mill-Consiglio di Stato għall-"attribuzzjoni tal-frekwenzi fil-band VHF-III bir-riskju ta' interferenzi qawwija" (ir-raba' domanda) kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tiegħu li l-kontenut tal-Artikolu 3d tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 16/2012 "ma [j]issodisfax il-karatteristiċi tas-suq tar-radju u tat-televiżjoni" (is-sitt domanda).

43. Dan premess, nikkunsidra li r-raba' domanda għandha tiġi miċħuda parzjalment u li s-sitt domanda għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

### *3. Konklużjoni intermedjarja*

44. Għaldaqstant, fil-qosor, it-tielet u r-raba' domanda huma parzjalment inammissibbli; barra minn hekk, is-sitt domanda hija inammissibbli fl-intier tagħha. Fir-rigward tal-kumplament, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha titqies bħala ammissibbli.

## B. Evalwazzjoni fuq il-mertu tad-domandi preliminari

45. Il-lista estensiva tad-domandi tal-Consiglio di Stato essenzjalment tikkonċerna tema waħda biss: l-għan huwa li jiġi ċċarat jekk kienx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li l-ministeru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku u l-leġiżlatur Taljan jintervjenu fi proċedura pendenti quddiem l-awtorità regolatorja nazzjonali li tirrigwarda l-attribuzzjoni gratwita ta' frekwenzi televiżivi, flimkien mal-ordni għall-eżekuzzjoni ta' proċedura ta' attribuzzjoni ġdida u oneruża. Il-qorti tar-rinviju tixtieq essenzjalment tkun taf jekk il-leġiżlatur Taljan kisirx diversi rekwiżiti proċedurali u sostantivi tal-qafas regolatorju komuni ġdid, partikolarment il-prinċipju, stabbilit fid-dritt tal-Unjoni, tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

46. F'dan ir-rigward, ser nindirizza, l-ewwel nett, il-problema tal-intervent min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi fi proċedura pendenti, li kienet iċ-ċentru tal-attenzjoni kemm matul il-fażi bil-miktub tal-proċedura kif ukoll matul il-fażi orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan ir-rigward, Taqsima 1 iktar 'il quddiem). It-tieni nett, ser nindirizza wħud mill-kwistjonijiet proċedurali oħra imqajma mill-qorti tar-rinviju u mill-partijiet (ara, f'dan ir-rigward, Taqsima 2 iktar 'il quddiem). Fit-tielet u l-aħħar lok, ser nindirizza r-rekwiżiti sostantivi marbuta mat-tieni selezzjoni (ara, f'dan ir-rigward, Taqsima 3 iktar 'il quddiem).

### *1. Fuq l-intervent mill-awtoritajiet pubbliċi fi proċedura pendenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali (l-ewwel u l-ħames domanda preliminari)*

47. Żewġ domandi tal-qorti tar-rinviju jikkonċernaw il-problema tal-intervent min-naħa ta' awtoritajiet pubbliċi fi proċedura pendenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali, AGCOM: minn naħa, il-ħames domanda tikkonċerna l-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi (ara, f'dan ir-rigward, Taqsima b iktar 'il quddiem) u, min-naħa l-oħra, l-ewwel domanda tikkonċerna l-kompetenzi ta' awtorità regolatorja nazzjonali (ara, Taqsima a iktar 'il quddiem,). Nixtieq ngħid qabelxejn li l-aġir tal-ministru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku kif ukoll tal-leġiżlatur Taljan f'dan il-każ huwa dubjuż mhux mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi iżda pjuttost mill-perspettiva tal-indipendenza li tgawdi l-awtorità regolatorja taħt id-dritt tal-Unjoni.

*a) Il-ksur tal-indipendenza tal-awtorità nazzjonali regolatorja (l-ewwel domanda)*

48. Il-prinċipju tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li tirreferi għalih il-qorti tar-rinviju fl-ewwel domanda tagħha, jingħata importanza prominenti fil-qafas regolatorju komuni ġdid, li ssaħħaħ iktar wara l-emendi li saru fit-testi leġiżlattivi tal-Unjoni permezz tad-Direttiva 2009/140. Fil-fatt, l-istabbiliment ta' awtoritajiet nazzjonali regolatorji indipendenti huwa intiż li jiżgura l-ħolqien permanenti, fil-qasam tan-netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ta' suq intern ġenwin, li huwa miftuħ u kkaratterizzat b'kompetizzjoni ġusta u li fih il-pluraliżmu tal-midja, bħala wieħed mill-valuri fundamentali għall-għajxien flimkien f'soċjetà demokratika, jissaħħaħ (ara wkoll l-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

49. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma espressament obbligati jiżguraw l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom [31] (Artikolu 3(2) u (3a) tad-Direttiva 2002/21 kif ukoll il-premessa 13 tad-Direttiva 2009/140). Din l-indipendenza hija riflessa, mhux b'inqas, bil-fatt li, filwaqt li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jkunu suġġetti għal superviżjoni (it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(3a)), dawn ma jistgħux jirċievu struzzjonijiet fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(3a)) u d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jiġu sospiżi jew revokati esklużivament mill-organi ta' appell kompetenti permezz ta' rimedji legali konkreti (it-tielet sentenza tal-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21).

50. Is-sospensjoni li ġiet ordnata mill-ministeru għall-iżvilupp ekonomiku, tal-ewwel proċedura gratwita tal-AGCOM rigward l-attribuzzjoni tal-frekwenzi, u l-kanċellazzjoni sussegwenti ta' din il-proċedura bil-mandat tal-leġiżlatur Taljan permezz tal-Artikolu 3d tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 16/2012, jikkostitwixxu intervent minn żewġ korpi statali fi proċedura pendenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali, minkejja l-fatt li ma għandhomx is-setgħa jagħmlu dan skont il-qafas regolatorju komuni ġdid. Partikolarment, f'dan il-każ, la l-ministeru u lanqas il-leġiżlatur ma kienu qegħdin jaġixxu bħala awtorità superviżorja (it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21) jew bħala organu ta' appell kompetenti bis-saħħa ta' rimedju legali konkret (it-tielet sentenza tal-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21). Għall-kuntrarju, jidher li ż-żewġ korpi eżerċitaw influwenza fuq l-iżvolġiment tal-proċedura minħabba kunsiderazzjonijiet purament politiċi. Madankollu, skont l-ispirtu tal-qafas regolatorju komuni ġdid, l-attività ta' awtorità regolatorja nazzjonali għandha tiġi protetta speċifikament fir-rigward ta' tali intervent għal motivi politiċi minn partijiet esterni (ara, f'dan ir-rigward, mill-ġdid, it-tieni sentenza tal-premessa 13 tad-Direttiva 2009/140).

51. B'mod marġinali biss insemmi li dan il-każ bl-ebda mod ma huwa komparabbli mal-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-possibbiltà li tiġi rtirata selezzjoni, mingħajr ir-restrizzjoni ta' din il-possibbiltà għal każijiet eċċezzjonali jew għall-eżistenza ta' raġunijiet gravi [32]. Dan għaliex fil-każ ta' dawn is-sentenzi, li kollha kemm huma jappartjenu għall-qasam tal-kuntratti pubbliċi, is-selezzjonijiet inkwistjoni kienu ġew irtirati mill-offerent innifsu rispettivament, jiġifieri proprju mill-awtorità li kienet responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-proċedura kkonċernata u mhux – bħalma ġara hawnhekk – minn awtorità esterna oħra.

52. Għaldaqstant, kollox ma' kollox, aġir bħal dak tal-ministeru Taljan għall-iżvilupp ekonomiku u tal-leġiżlatur Taljan, li permezz tiegħu proċedura pendenti tal-awtorità nazzjonali regolatorja tiġi l-ewwel sospiża u sussegwentement ikkanċellata, iwassal għal ksur tal-indipendenza ta' din l-awtorità regolatorja.

31 L-estent tal-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jintwera, pereżempju, fis-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-424/07, EU:C:2009:749, partikolarment il-punti 83, 91, 94, 99 u 106), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza ripetutament id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet u s-setgħa tagħhom li jqiegħdu f'bilanċ il-miri regolatorji varji.

32 Sentenzi tas-16 ta' Settembru 1999, Fracasso u Leitschutz (C-27/98, EU:C:1999:420, punt 25), kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2002, HI (C-92/00, EU:C:2002:379, punt 40), u tal-11 ta' Diċembru 2014, Croce Amica One Italia (C-440/13, EU:C:2014:2435, punt 31).

*b) Il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni dwar l-aspettattivi leġittimi (il-ħames domanda)*

53. Flimkien mal-ewwel domanda, li għadni kemm indirizzajt, il-ħames domanda hija intiża li tiċċara jekk l-Istat Taljan kisirx il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni dwar l-aspettattivi leġittimi bil-kanċellazzjoni tal-ewwel proċedura mhux konkluża għall-attribuzzjoni tal-frekwenzi tat-televiżjoni mid-dividend diġitali.

54. Kif diġà enfasizzat kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi jappartjeni mal-prinċipji fundamentali tal-Unjoni[33]. Madankollu, dan il-prinċipju jista' jiġi invokat b'suċċess biss minn min ikun irċieva assigurazzjonijiet ċari, inkundizzjonati u konsistenti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli[34].

55. Huwa ċar li tali assigurazzjonijiet ma ngħatawx f'dan il-każ. Fil-fatt, l-impriżi fl-ewwel proċedura ta' selezzjoni, li sussegwentement ġiet annullata, ma ngħataw ebda assigurazzjonijiet mill-awtoritajiet Taljani kompetenti li minnhom setgħu jiddeduċu li l-kuntratti kienu ser jingħatawlhom għal ċerti frekwenzi tat-televiżjoni li joriġinaw mid-dividend diġitali. Speċifikament, u kuntrarjament għall-fehma espressa fis-seduta, is-sempliċi fatt li l-offerta magħmula minn parteċipant ġiet iddikjarata ammissibbli ma tinkludix indikazzjoni affidabbli dwar jekk il-parteċipant huwiex ser jiġi jingħata l-kuntratt fi tmiem il-proċedura.

56. Numru mill-partijiet ikkonċernati – partikolarment Europa Way, li kienet l-uniku operatur li applikat għal wieħed mill-multiplexes inkwistjoni – seta' kellhom aspettattivi serji li jingħataw kuntratt. Madankollu, sakemm il-proċedura ta' selezzjoni ma kinitx konkluża u sakemm ma kinux ġew attribwiti kuntratti, dawn is-sempliċi tamiet ma setgħux iwasslu għal aspettativa leġittima ta' eżitu proċedurali partikolari. Dan peress li, fiha nfisha, il-parteċipazzjoni fi proċedura ma tipprovdi l-ebda garanzija u ma tiġġustifika l-ebda aspettattivi leġittimi ta' suċċess fil-proċedura.

57. Konsegwentement, f'każ bħal dak inkwistjoni, ma jistgħux jiġu invokati b'suċċess ilmenti bbażati fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi skont id-dritt tal-Unjoni.

*2. Fuq numru ta' problemi proċedurali oħra (it-tieni domanda preliminari)*

58. Fit-tieni domanda tiegħu, u sa ċertu estent fl-ewwel domanda tiegħu, il-Consiglio di Stato jistaqsi dwar numru ta' rekwiżiti proċedurali tal-qafas regolatorju komuni ġdid. Permezz tagħhom, għandu jiġi ċċarat jekk miżura leġiżlattiva bħall-Artikolu 3d tad-Digriet-Leġiżlattiv Nru 16/2012 ma tosservax ir-rekwiżit, skont id-dritt tal-Unjoni, li tiġi organizzata konsultazzjoni pubblika minn qabel (ara, f'dan ir-rigward, Taqsima a iktar 'il quddiem), kif ukoll jekk, bl-adozzjoni ta' din il-miżura, il-leġiżlatur Taljan wettaqx funzjonijiet ta' regolamentazzjoni li l-qafas regolatorju komuni ġdid jirriżerva lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ara, sussegwentement, Taqsima b).

*a) Ir-rekwiżit ta' konsultazzjoni pubblika minn qabel*

59. Kif speċifikat fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2002/20, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21, il-konsultazzjoni pubblika li jirreferi għaliha l-Consiglio di Stato fit-tieni domanda preliminari tiegħu hija meħtieġa meta Stat Membru jikkunsidra li jillimita n-numru tad-drittijiet għall-użu li għandhom jingħataw għall-frekwenzi tar-radju. Għandhom jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-utenti u l-konsumaturi.

33 Sentenzi tal-5 ta' Mejju 1981, Dürbeck (112/80, EU:C:1981:94, punt 48), u tal-24 ta' Marzu 2011, ISD Polska *et* (C-369/09 P, EU:C:2011:175, punt 122).

34 Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2016, Marchiani vs Il-Parlament (C-566/14 P, EU:C:2016:437, punt 77), tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 62); *vide*, barra minn hekk, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 147), u tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni (C-47/07 P, EU:C:2008:726, punti 81 u 86).

60. Huwa paċifiku li, meta mqabbla mal-ewwel selezzjoni li ġiet annullata, it-tieni selezzjoni fl-aħħar mill-aħħar kienet tkopri inqas frekwenzi tat-televiżjoni; fil-fatt kienet tikkonċerna biss tliet multiplexes diġitali minflok il-ħamsa li kien hemm oriġinarjament. Għaldaqstant, dan fisser restrizzjoni numerika fid-drittijiet ta' użu li kienu ser jingħataw għall-frekwenzi tar-radju fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2002/20, li kien jirrikjedi li tiġi organizzata konsultazzjoni pubblika kif stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21.

61. Madankollu, kif jirriżulta mil-fajl, u kif ġie kkonfermat fis-seduta, din il-limitazzjoni fin-numru tal-multiplexes previsti għall-allokazzjoni ma kinitx toriġina mil-leġiżlatur Taljan innifsu bl-Artikolu 3d tad-Digriet-Leġiżlattiv Nru 16/2012, iżda saret biss min-naħa tal-AGCOM fl-eżekuzzjoni konkreta tat-tieni proċedura ta' selezzjoni.

62. Kuntrarjament għall-fehma li tidher li għandha l-Kummissjoni, l-ordni min-naħa tal-leġiżlatur li l-attribuzzjoni tal-frekwenzi li għandha tiġi implementata għandha tkun suġġett għal ħlas, ma tippreżentax limitazzjoni *fin-numru* tal-frekwenzi disponibbli, li hija l-unika sitwazzjoni li fir-rigward tagħha l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2002/20 jipprevedi obbligu ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21.

63. Għaldaqstant, hawnhekk l-obbligu ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2002/20, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21, ma kienx id-dmir tal-leġiżlatur, iżda biss tal-AGCOM, u – sa fejn huwa evidenti mill-ispjegazzjoni tal-fatti fid-deċiżjoni tar-rinviju – din fil-fatt issodisfat dan l-obbligu fl-istadju preliminari tad-Deċiżjoni 277/13/CONS tagħha [35].

64. Għalhekk, ma hemm xejn li jindika ksur tal-obbligu ta' konsultazzjoni previst mid-dritt tal-Unjoni.

***b) L-allegat eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni min-naħa tal-leġiżlatur nazzjonali***

65. Barra minn hekk, għandu jiġi eżaminat, fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, jekk l-ordni ta' proċedura ta' attribuzzjoni oneruża ġdida tfissirx li l-leġiżlatur Taljan stess wettaq il-kompiti tal-awtorità nazzjonali regolatorja.

66. Tali approċċ ikun ammissibbli biss f'konfini ristretti ħafna, kif ippreżentat fid-dettall il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Base *et* [36]. Il-marġni mogħti bid-dritt tal-Unjoni għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni mil-leġiżlatur nazzjonali aktarx huwa ħafna iżgħar, possibbilment saħansitra ineżistenti, b'effett minn meta d-Direttiva 2009/140 emendatorja daħlet fis-seħħ, li l-preambolu tagħha jispeċifika li "l-entità *leġiżlattiva* nazzjonali mhux adatta biex tagixxi bħala awtorità regolatorja nazzjonali taħt il-qafas regolatorju", għaliex inkella jeżisti r-riskju ta' pressjoni politika u influwenza esterna fuq it-twettiq tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni [37].

67. Il-kunċett tal-*funzjonijiet ta' regolamentazzjoni*, li għandhom jitwettqu minn awtorità regolatorja nazzjonali waħda jew iktar (ara l-Artikolu 2(g) tad-Direttiva 2002/21) [38], ma huwiex iddefinit b'mod ġenerali fid-direttivi tal-qafas regolatorju komuni ġdid. Madankollu, huwa ċar li bl-ebda mod ma għandhom jiġu ttrasferiti fuq l-awtoritajiet regolatorji neċessarjament il-kompiti u l-obbligi *kollha*, li għandhom jitwettqu fuq livell nazzjonali skont dan il-qafas regolatorju.

35 Ara, iktar 'il fuq, punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010, Base *et* (C-389/08, EU:C:2010:584, punti 26 sa 30).

37 It-tielet sentenza tal-premessa 13 tad-Direttiva 2009/140.

38 Rigward il-possibbiltà tat-trasferiment tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni fuq diversi awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest tal-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri, ara s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2008, Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones (C-82/07, EU:C:2008:143, punti 18, 19 u 24), tas-6 ta' Ottubru 2010, Base *et* (C-389/08, EU:C:2010:584, punt 26), tas-17 ta' Settembru 2015, KPN (C-85/14, EU:C:2015:610, punt 53), u tad-19 ta' Ottubru 2016, Ormaetxea Garai u Lorenzo Almendros (C-424/15, EU:C:2016:780, punt 30).

68. Huwa minnu li fid-direttivi hemm diversi dispożizzjonijiet li s-suġġett tagħhom huwa speċifikament l-attività tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-kompiti rriżervati lilhom (ara, *inter alia*, l-Artikolu 3(1), (3) u (3a), l-Artikolu 6(1) u l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2002/21). Madankollu, bl-istess mod, jeżistu diversi dispożizzjonijiet li jindirizzaw b'mod ġenerali lill-"Istati Membri" li fil-kuntest tal-awtonomija istituzzjonali tagħhom [39] jistgħu jiddeċiedu huma stess lil liema awtorità nazzjonali ser jittrasferixxu t-twettiq tal-kompiti kkonċernati.

69. B'rabta ma' dan, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2002/21 jistħoqqilha referenza speċjali. B'mod ġenerali ħafna, din tobbliga lill-*Istati Membri* – u mhux speċifikament lill-*awtoritajiet regolatorji nazzjonali* jew lill-*awtoritajiet nazzjonali kompetenti* – jiżguraw li jipprovdu amministrazzjoni effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju, filwaqt li jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-fatt li l-frekwenzi tar-radju huma beni pubbliċi li għandhom valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti (ara wkoll il-premessa 21 tad-Direttiva 2002/21).

70. Filwaqt li l-leġiżlatur nazzjonali għandu jieħu ħsieb jiddefinixxi l-qafas ġenerali għall-kreazzjoni u l-operat tan-netwerk u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, billi jieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha stabbiliti bid-dritt tal-Unjoni, għandhom ikunu l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li, f'dan il-kuntest, jieħdu deċiżjonijiet individwali, isibu soluzzjoni għat-tilwim u jistabbilixxu d-dettalji meħtieġa għall-funzjonament ta' dawn in-netwerks u servizzi permezz tar-regolamentazzjoni *ex ante* (ara, fl-istess sens, l-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21 kif ukoll it-tieni sentenza tal-premessa 13 tad-Direttiva 2009/140).

71. Madankollu, id-determinazzjoni dwar jekk fi Stat Membru l-attribuzzjoni ta' frekwenzi tat-televiżjoni diġitali hijiex gratwita jew oneruża, ma hijiex deċiżjoni individwali u lanqas ma hija aspett dwar il-funzjonament tan-netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet, iżda pjuttost deċiżjoni politika li permezz tagħha l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni mhux b'inqas il-valur ekonomiku għoli ta' dawn il-frekwenzi (ara l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(1) u l-premessa 21 tad-Direttiva 2002/21).

72. Kif jenfasizzaw ġustament il-Gvern Taljan u Cairo Network, din id-deċiżjoni fundamentali ma tappartjenix mal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(g) tad-Direttiva 2002/21. Għaldaqstant, din id-deċiżjoni setgħet tittieħed mil-leġiżlatur nazzjonali u ma kellhiex għalfejn tkun neċessarjament irriżervata għall-awtorità regolatorja nazzjonali AGCOM.

### *3. Ir-rekwiżiti sostantivi applikabbli għat-tieni proċedura ta' selezzjoni (it-tielet, ir-raba' u s-sitt domanda preliminari)*

73. Bit-tielet, bir-raba' u bis-sitt domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq essenzjalment tiċċara jekk l-annullament tal-ewwel proċedura ta' selezzjoni min-naħa tal-leġiżlatur Taljan u partikolarment l-eżekuzzjoni sussegwenti tat-tieni proċedura ta' selezzjoni, b'kundizzjonijiet fundamentalment differenti, kinux kompatibbli ma' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt sostanzjali u mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni.

74. Kif spjegajt hawn fuq [40], uħud minn dawn id-domandi huma parzjalment jew kompletament inammissibbli. Għalhekk, ser nindirizzahom iktar 'il fuq b'mod sussidjarju biss. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sovrappożizzjoni estensiva bejn dawn id-domandi, jiena tal-fehma li huwa xieraq li neżaminahom flimkien u li niffoka l-analiżi tagħhom fuq l-aspetti ewlenin tal-punti legali li jqajmu.

39 Rigward l-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri ara l-premessa 11 tad-Direttiva 2002/21.
40 Ara l-punti 33 sa 44 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

75. Il-Consiglio di Stato essenzjalment jixtieq jikseb informazzjoni dwar jekk l-Istat Taljan kisirx ir-regoli inkwistjoni meta implementa proċedura ta' selezzjoni oneruża ġdida għad-distribuzzjoni tad-dividend diġitali, u, b'dan il-mod, naqqas l-ammont tal-multiplexes diġitali li kellhom jitqassmu minn ħamsa għal tlieta meta mqabbla mal-ħames multiplexes previsti fil-proċedura ta' selezzjoni li ġiet annullata.

76. Regoli sostantivi li jirregolaw l-attribuzzjoni tal-frekwenzi tat-televiżjoni joriġinaw, qabelxejn, minn leġiżlazzjoni sekondarja diversa tal-qafas regolatorju komuni ġdid, jiġifieri l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva 2002/21, l-Artikoli 3, 5 u 7 tad-Direttiva 2000/20 kif ukoll l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 2002/77. Dawn id-dispożizzjonijiet ilkoll jipprovdu li, fl-attribuzzjoni tal-frekwenzi, l-Istati Membri jgawdu minn ċertu marġni ta' diskrezzjoni, li madankollu jrid jiġi applikat filwaqt li jitħarsu l-prinċipji ġenerali ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li għandhom josservaw l-amministrazzjoni u l-użu effiċjenti tal-frekwenzi kif ukoll jieħdu suffiċjentement inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' kompetizzjoni u tal-pluraliżmu tal-midja.

### *a) Fuq in-natura oneruża tal-attribuzzjoni fil-kuntest tat-tieni proċedura ta' selezzjoni*

77. Il-qofol tat-tilwima bejn il-partijiet fil-proċedura huwa l-fatt, inkwistjoni fit-tieni, fit-tielet u fis-sitt domanda, li l-attribuzzjoni ta' frekwenzi skont it-tieni proċedura ta' selezzjoni ġdida saret oneruża wara li l-leġiżlatur Taljan annulla l-ewwel proċedura ta' selezzjoni preċedenti qabel ma din setgħet tiġi konkluża. Filwaqt li Europa Way u Persidera jqisu li l-attribuzzjoni oneruża tal-frekwenzi tat-televiżjoni li issa hija fis-seħħ, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-partijiet l-oħra fil-proċedura huma tal-fehma opposta.

*– Assenza, fil-prinċipju, ta' rekwiżit li l-għoti għandu jkun gratwitu*

78. Kif tenfasizza korrettament il-Kummissjoni b'mod partikolari, ebda dispożizzjoni tal-qafas regolatorju komuni ġdid ma tippreskrivi li l-attribuzzjoni tal-frekwenzi televiżivi tingħata gratwitament u biss abbażi tal-idoneità tal-applikanti (pereżempju permezz ta' "konkors tas-sbuħija"). Għall-kuntrarju, ir-referenza għall-"proċeduri ta' għażla kompetittivi jew komparattivi" fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2002/20 hija fformulata b'mod suffiċjentement miftuħ, sabiex ikun jista' jkopri kemm sistemi ta' attribuzzjoni gratwiti kif ukoll sistemi ta' attribuzzjoni onerużi.

79. Attribuzzjoni ta' frekwenzi *oneruża* b'ebda mod ma hija inkonċepibbli, fid-dawl tal-fatt, barra minn hekk, tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2002/21, li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-fatt li l-frekwenzi tar-radju huma beni pubbliċi li għandhom *valur* soċjali, kulturali *u ekonomiku*[41].

80. Ċertament, għandu jiġi ddefinit il-kuntest li fih tista' ssir l-attribuzzjoni oneruża tal-frekwenzi billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifikazzjonijiet tal-valuri l-oħra tal-leġiżlatur tal-Unjoni, partikolarment il-prinċipju tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, fost l-għanijiet fundamentali tal-qafas regolatorju komuni ġdid, hemm il-promozzjoni tal-kompetizzjoni (ara, partikolarment, l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 2002/20 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2002/21)[42] u l-prevenzjoni ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-qasam tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ara, partikolarment, l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2002/20 u l-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva 2002/21), flimkien mal-isforzi għall-promozzjoni tal-pluraliżmu tal-midja (ara, f'dan ir-rigward, l-ittra (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(3) u l-premessa 6 tad-Direttiva 2002/21 kif ukoll l-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet

41 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Telefónica Móviles España (C-85/10, EU:C:2011:141, punt 27).

42 Ara wkoll is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-376/13, EU:C:2015:266, punt 69).

Fundamentali). Il-prinċipju tal-kompetizzjoni u l-pluraliżmu tal-midja huma riflessi b'mod konkret ħafna fil-libertà ggarantita bid-dritt tal-Unjoni li jiġu pprovduti netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/20 u Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2002/77).

81. Fid-dawl ta' dak li ntqal,, it-tariffa li għandha titħallas għall-attribuzzjoni ta' frekwenzi tat-televiżjoni diġitali kif ukoll kwalunkwe prezz ta' riżerva fil-każ ta' irkant ta' tali frekwenzi, għandhom ikunu moderati, sabiex l-impriżi li diġà huma attivi fis-suq tat-televiżjoni u dawk li għandhom l-intenzjoni jidħlu fis-suq għall-ewwel darba ikun fadlilhom biżżejjed riżorsi finanzjarji għall-investimenti fit-teknoloġiji neċessarji u għall-forniment ta' kontenut bi kwalità għolja, irrispettivament mid-daqs tagħhom[43]. Barra minn hekk, l-awtorità regolatorja nazzjonali trid tiżgura li f'tali proċess ta' attribuzzjoni jipparteċipaw biss dawk l-impriżi li – b'kunsiderazzjoni għal kriterji li jridu jkunu oġġettivi, trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji – joffru kull garanzija li f'suq tal-midja kkaratterizzat mill-kompetizzjoni u mill-pluraliżmu, ikunu operaturi adattati u affidabbli tan-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

82. Madankollu, ma jistax jiġi preżunt li l-kompetizzjoni u l-pluraliżmu fis-suq televiżiv jistgħu jiġu żgurati biss meta l-attribuzzjoni tal-frekwenzi tkun gratwita[44].

83. Partikolarment, mill-qafas regolatorju komuni ġdid ma jista' jiġi dderivat ebda tip ta' *obbligu* min-naħa tal-Italja li tirrifjuta ħlas għall-attribuzzjoni tal-frekwenzi diġitali. Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-fatt, invokat mill-qorti nazzjonali u minn diversi partijiet fil-proċedura, li d-distribuzzjoni kontenzjuża inkwistjoni tad-dividend diġitali fl-aħħar mill-aħħar isservi bħala korrezzjoni ta' sitwazzjoni irregolari fl-Italja kif kienet ikkundannata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Centro Europa 7[45] kif ukoll mill-Kummissjoni fil-proċedura pendenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[46]. Dan minħabba l-fatt li sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom tal-eliminazzjoni tas-sitwazzjoni irregolari[47], l-awtoritajiet kompetenti fl-Italja ngħataw marġni ta' diskrezzjoni[48] li kien jinkorpora iktar minn għażla waħda ta' azzjoni, u għalhekk għażliet oħra minbarra l-attribuzzjoni tal-frekwenzi gratwita.

*– Ebda diskriminazzjoni kontra operaturi tan-netwerk ġodda meta mqabbla mal-qodma*

84. Il-qorti tar-rinviju ssemmi wkoll it-tħassib tagħha li l-impożizzjoni ta' tariffa speċifikament għall-frekwenzi televiżivi kontenzjużi inkwistjoni,lijagħmlu parti mit-tielet grupp tal-multiplexes diġitali[49] tista' tiddiskrimina kontra operaturi tan-netwerk ġodda meta mqabbla mal-impriżi diġà attivi fis-suq (l-operaturi preżenti fis-suq), partikolarment fil-konfront ta' Rai u Mediaset bħala l-operaturi dominanti fis-suq. Dan peress li tal-aħħar, kif isostnu wkoll Europa Way u Persidera, kisbu l-frekwenzi tat-televiżjoni tagħhom mill-ewwel u mit-tieni grupp, mingħajr ma pprovdew korrispettiv finanzjarju fil-mument tal-akkwist tad-drittijiet ta' użu.

43 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2011, Telefónica Móviles España (C-85/10, EU:C:2011:141, punt 28), u tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et* (C-375/11, EU:C:2013:185, punti 50 u 51).

44 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Telefónica Móviles España (C-85/10, EU:C:2011:141, punt 29), li tipprovdi li sottovalutazzjoni tal-ammont tat-tariffa jista' jkun ta' detriment għall-użu effiċjenti tal-frekwenzi tar-radju bl-istess mod tar-riżorsi skarsi.

45 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59).

46 Rigward din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ara iktar 'il fuq in-noti ta' qiegħ il-paġni 2 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Jonkman *et* (C-231/06 sa C-233/06, EU:C:2007:373, punti 37 u 38).

48 Kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-liċenzji tal-logħob tal-ażżard, kemm l-irtirar u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-liċenzji qodma kif ukoll il-proċedura ta' selezzjoni ta' ammont adatt ta' liċenzji ġodda jistgħu joffru soluzzjonijiet adattati sabiex tiġi rrimedjata l-esklużjoni illegali ta' ċerti operaturi tas-suq, għall-inqas fil-futur; ara s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica (C-338/04, C-359/04 u C-360/04, EU:C:2007:133, punt 63), tas-16 ta' Frar 2012, Costa (C-72/10 u C-77/10, EU:C:2012:80, punt 52), u tat-22 ta' Jannar 2015, Stanley International Betting u Stanleybet Malta (C-463/13, EU:C:2015:25, punt 35).

49 Rigward il-klassifikazzjoni tal-frekwenzi li għandhom jitqassmu fi tliet gruppi *vide*, iktar 'il fuq, punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

85. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament indaqs jew ta' nondiskriminazzjoni skont id-dritt tal-UE [50], li fil-frattemp ġie stabbilit ukoll fl-Artikolu 20 u fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, barra minn hekk, huwa rifless f'diversi dispożizzjoni tal-qafas regolatorju ġdid [51], jipprovdi li sitwazzjonijiet komparabbli ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat [52].

86. In-natura komparabbli ta' sitwazzjonijiet għandha tiġi evalwata, b'mod partikolari, fid-dawl tas-suġġett u tal-iskop tal-miżura rispettiva. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li jagħmel parti minnu l-att inkwistjoni [53].

87. F'dan il-każ, l-attribuzzjoni gratwita tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali mill-ewwel u mit-tieni grupp lil Rai u lil Mediaset serviet l-għan doppju li tiġi żgurata l-kontinwità tal-offerta tat-televiżjoni fl-Italja kif ukoll li jiġu onorati investimenti li diġà saru fit-teknoloġija diġitali [54]. Fir-rigward ta' dan l-għan, l-impriżi li diġà huma attivi fis-suq tat-televiżjoni u l-impriżi ġodda li ser jidħlu f'dan is-suq ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli.

88. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jeżistux indikazzjonijiet suffiċjenti għal diskriminazzjoni bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' impriżi, minn tal-inqas abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja.

89. Nixtieq inżid li l-garanzija, *inter alia*, tal-kontinwità tal-offerta tat-televiżjoni, barra minn hekk, tikkostitwixxi għan li jinsab fl-interess tal-pubbliku ġenerali, li prinċipalment jidher li huwa adatt sabiex jiġġustifika inugwaljanza eventwali fit-trattament, sa fejn din l-inugwaljanza fit-trattament tiġi kkonfinata strettament għal dak li huwa indispensabbli meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipju tal-kompetizzjoni u l-pluraliżmu tal-midja għall-ksib koerenti u sistematiku tal-għan inkwistjoni [55].

90. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li fl-Italja jinġabru tariffi annwali għall-użu tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali *kollha* [56]. Għaldaqstant, anki dawk l-impriżi li diġà kienu attivi fis-suq (l-operaturi preżenti fis-suq) qabel it-tranżizzjoni għat-televiżjoni diġitali, fil-verità ma jistgħux jużaw il-frekwenzi diġitali tagħhom gratwitament, iżda għandhom jagħmlu pagamenti perijodiċi lill-Istat għal dan l-għan. Min-naħa l-oħra, f'każ ta' operatur tan-netwerk li permezz tal-irkant ikun xtara frekwenzi diġitali ġodda mit-tielet grupp – id-dividend diġitali – il-ħlas li jkun sar minnu għandu jiġi kkalkolat fuq it-tariffi tiegħu tas-snin segwenti [57]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jiġi preżunt li n-natura oneruża tal-attribuzzjoni tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali mit-tielet grupp ma twassal għal ebda ksur eċċessiv tal-prinċipju tal-kompetizzjoni jew tal-pluraliżmu tal-midja.

50 Rigward din it-terminoloġija, ara pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Eman u Sevinger (C-300/04, EU:C:2006:545, punt 57).

51 Ara, partikolarment, it-tieni sentenza tal-Artikolu 9(1) u l-premessa 19 tad-Direttiva 2002/21, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2002/20, kif ukoll l-Artikolu 2(4) u l-punt 2 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/77.

52 Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23), tal-14 ta' Settembru 2010, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punti 54 u 55), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Vervloet *et* (C-76/15, EU:C:2016:975, punt 74).

53 Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punti 25 u 26), tal-1 ta' Marzu 2011, Association belge des Consommateurs Test-Achats *et* (C-236/09, EU:C:2011:100, punt 29), tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 167), u tas-6 ta' Novembru 2014, Feakins (C-335/13, EU:C:2014:2343, punt 51).

54 Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq. Dan il-fatt ġie enfasizzat ukoll fis-seduta minn diversi partijiet.

55 Din il-problema ser nindirizzaha fid-dettall fil-konklużjonijiet li ser nippreżenta llum fil-kawża paralleli Persidera (C-112/16, punti 63 sa 72).

56 Dan il-fatt ġie enfasizzat kemm fil-proċedura bil-miktub kif ukoll dik fil-proċedura orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn diversi partijiet involuti fil-proċedura, mingħajr ma saret oppożizzjoni minn Europa Way u Persidera.

57 Skont l-osservazzjonijiet tal-Gvern Taljan fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja; il-qorti tar-rinviju ser ikollha tivverifika jekk din l-informazzjoni hijiex minnha.

### *b) Fuq il-limitazzjoni tal-ammont tal-frekwenzi diġitali li għandhom jitqassmu*

91. Minbarra n-natura oneruża tal-attribuzzjoni tal-frekwenzi, fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġie diskuss marġinalment il-fatt li, meta mqabbla mal-ewwel sejħa għall-offerti li ġiet annullata, fit-tieni sejħa għall-offerti kienu previsti inqas multiplexes għall-attribuzzjoni, peress li kienu tlieta biss minflok il-ħamsa oriġinali. Dan l-aspett jissemma fir-raba' domanda tal-qorti tar-rinviju.

92. Il-limitazzjoni tal-frekwenzi disponibbli hija ammissibbli sakemm din tkun neċessarja għall-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenzi, issir skont kriterji oġġettivi u trasparenti kif ukoll tissodisfa l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità (ara partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2002/21 kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4), l-Artikolu 5(5) u (6) u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2002/20 [58]).

93. Skont l-informazzjoni konsistenti ta' diversi partijiet, f'dan il-każ it-tnaqqis bi tnejn tal-frekwenzi li għandhom jitqassmu mid-dividend diġitali għal dawk li issa huma tliet multiplexes huwa dovut għal żewġ fatturi: minn naħa, abbażi ta' konsultazzjonijiet fil-kuntest tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT), ċerti frekwenzi fil-futur ma kellhomx jibqgħu disponibbli għat-televiżjoni, iżda kellhom jinżammu għat-telekomunikazzjoni. Min-naħa l-oħra, ċerti frekwenzi kienu vvizzjati bir-riskju serju ta' interferenzi dannużi [59].

94. Ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda dak tal-qorti tar-rinviju, li tivverifika jekk dawn l-allegazzjonijiet humiex minnhom u jekk ġewx ippreżervati l-prinċipji ta' oġġettività, ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità, meta proprju fit-tielet grupp, li huwa inkwistjoni fil-kawża ineżami, tal-frekwenzi tat-televiżjoni li għandhom jiġu ddistribwiti – jiġifieri speċifikament fil-qafas tad-dividend diġitali – sar tnaqqis tal-multiplexes diġitali disponibbli minn ħamsa għal tlieta.

95. Għall-finijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari hija biżżejjed il-konstatazzjoni li l-imsemmi tħassib (teħid inkunsiderazzjoni tal-konsultazzjonijiet tal-UIT u prevenzjoni tal-interferenzi dannużi) huwa fl-interess ġenerali u jista' jwassal għal tnaqqis fl-offerta tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali (ara wkoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2002/21 kif ukoll l-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/20), bil-kundizzjoni li l-frekwenzi li għadhom disponibbli mid-dividend diġitali jkunu suffiċjenti sabiex jiġi osservat il-prinċipju tal-kompetizzjoni u l-pluraliżmu tal-midja kif ukoll li tingħata possibbiltà li jkun hemm dħul ġdid fis-suq ta' natura sostanzjali.

96. Waqt il-verifika tal-proporzjonalità tal-miżuri għat-tnaqqis tal-multiplexes diġitali disponibbli minn ħamsa għal tlieta, il-qorti tar-rinviju ser ikollha tivverifika fid-dettall jekk, minflok tnaqqis tad-dividend diġitali (hawnhekk jiġifieri l-frekwenzi diġitali kontenzjużi tat-tielet grupp [60]), kinitx tkun daqstant adatta bħal restrizzjoni fl-ammont tal-multiplexes mogħtija mod ieħor (jiġifieri l-frekwenzi diġitali tal-ewwel jew it-tieni grupp) – jekk mhux saħansitra aħjar – sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-konsultazzjonijiet tal-UIT u sabiex jiġu evitati interferenzi. Kif nispjega iktar fid-dettall fil-kawża C-112/16 [61], fil-fatt ma huwiex inkonċepibbli li Rai u Mediaset ingħataw ħafna frekwenzi diġitali, l-iktar mill-ewwel grupp, li jfisser li t-tnaqqis tal-multiplexes imqassma minn dan il-grupp seta' kellu impatt inqas sinjifikattiv għall-kompetizzjoni fis-suq tat-televiżjoni u għall-pluraliżmu tal-midja milli fil-kuntest tat-tielet grupp, id-dividend diġitali.

58 Ara wkoll is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2008:59, punt 100).

59 Fl-osservazzjonijiet tagħha, anki s-Slovenja ġibdet l-attenzjoni bis-sħiħ għal din il-problema fil-Kawża C-112/16.

60 Fuq il-klassifikazzjoni tal-frekwenzi li għandhom jitqassmu fi tliet gruppi, ara mill-ġdid il-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq.

61 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi tal-lum fil-kawża Persidera (C-112/16, partikolarment il-punti 67 sa 71).

## VI. Konklużjoni

97. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għat-talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato:

1) Ma huwiex kompatibbli mal-Artikolu 3(2) u (3a) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, li proċedura pendenti mmexxija mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għall-attribuzzjoni tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali, l-ewwel tiġi sospiża u sussegwentement tiġi kkanċellata kompletament fuq ordni minn korpi statali oħra li ma jaġixxux bħala awtorità superviżorja jew bħala korpi ta' appell kompetenti.

2) Il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi stabbilit fid-dritt tal-Unjoni ma jipprojbixxix li tiġi kkanċellata proċedura pendenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali għall-attribuzzjoni gratwita tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali, u li minflok tiġi implementata proċedura ġdida quddiem l-istess awtorità għall-attribuzzjoni oneruża tat-tali frekwenzi.

3) Il-leġiżlatur nazzjonali ma jwettaqx funzjonijiet ta' regolamentazzjoni u ma huwiex suġġett għall-obbligi li tiġi organizzata konsultazzjoni skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2002/20/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/21, meta dan jippreskrivi l-attribuzzjoni oneruża tal-frekwenzi televiżivi diġitali.

4) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21, l-Artikolu 3, l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/20 kif ukoll l-Artikolu 2 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/77/KE ma jipprekludux il-miżuri li ġejjin:

   a) limitazzjoni tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali previsti speċifikament għal operaturi tan-networks żgħar u għal operaturi tas-suq ġodda, jekk din timplika li jittieħdu inkunsiderazzjoni stipulazzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet fl-interess ġenerali abbażi tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew jekk għandhom jiġu evitati interferenzi fil-frekwenza, bil-kundizzjoni li jinżamm il-prinċipju ta' proporzjonalità u d-dħul fis-suq ma jkunx eċċessivament diffiċli għal operaturi tas-suq ġodda;

   b) attribuzzjoni oneruża tal-frekwenzi tat-televiżjoni diġitali, sa fejn, f'din l-attribuzzjoni u partikolarment fl-iffissar tal-ħlas, jiġu osservati l-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità u sa fejn jiġi żgurat li din l-attribuzzjoni ser tippromwovi kif xieraq il-kompetizzjoni fis-suq tat-televiżjoni kif ukoll il-pluraliżmu tal-midja.